V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10134 — EG Group/OMV Germany Business)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 207/02)

1. Fl-20 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EG Group Limited ("Grupp EG", ir-Renju Unit),

— OMV Germany Business, ikkontrollata minn OMV (l-Awstrija).

EG Group takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' OMV Germany Business kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— EG Group: hija l-kumpanija ewlenija ta' għadd ta' kumpaniji li joperaw taħt il-marka "EG", attivi fit-tħaddim ta' pompi tal-fuell bi ħwienet anċillari ta' konvenjenza backcourt, ħasil tal-karozzi, fast food, ristoranti u offerti ta' lukandi fir-Renju Unit, l-Irlanda, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Belġju, l-Olanda u l-Lussemburgu,

— OMV Germany Business: hija attiva fil-bejgħ bl-imnut ta' fuels tal-magni permezz ta' network li jinkludi l-istazzjonijiet tal-fuell kollha bil-marka OMV (attwalment 286) li jinsabu fil-Ġermanja. OMV toffri wkoll servizzi anċillari bħall-ħasil tal-karozzi u ħwienet ta' konvenjenza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10134 — EG Group/OMV Germany Business

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË